MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 1230/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**VS**

**KEVIN TEMPLEMAN**
**(ID Nru.: 477076M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1230/2011**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Templeman, detentur tal-karta tal-identita` numru 477076 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar il-wiehed u tletin ta` Awwissu, 2011, ghal habta ta` nofs inhar, fi Triq Regjonali, Msida, bil-hsieb li jaghmel delitt wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ipprova jahrab mill-kustodja tal-pulizija waqt li kien mizmum skont il-ligi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq l-iSpettur Keith Arnaud u PS435 David D'Amato, li hija vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-iSpettur Keith Arnaud u PS435 David D'Amato, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom konta l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliehomx jaghmlu dak li b'ligi jkun ordnat jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienux jistghujaqghu that id-disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali jew ta` Ligi ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu jew xort'ohra, kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 95 (1), 96, 98, 151, 160 u 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 6, 51 (7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-Qorti ma tara l-ebda ragun sabiex taghmel taghha t-trattazzjoni tal-avukat difensur li saret fl-erbgha u ghoxrin (24) ta` Frar, 2015.
Illi dina l-Qorti ser tikwota siltiet mix-xhieda tal-imputat li huwa ta *viva voce* fid-disgha u ghoxrin (29) ta` Mejju, 2014:

"Qatt ma kont nafu lill-ispettur Arnaud, qatt ma gejt arrestat..."; "Nara karozza gejja pajsana, ddur u taqghad fl-*area*, u intbaht ghidt mela dawn, mill-*guessing* li hadt dak il-hin.....u huma kienu pajsana wkoll jigifieri ma kien hemm l'ebda indikazzjoni li kienet karozza tal-pulizija."; "...mort fuqhom u ghidtlu inti l-ispettur Arnaud li cempiltli, qalli iva qalli itla`, u jiena dak il-hin tlajt..."; "...staqsejtu identifikazzjoni..."; "...dak il-hin le...u wara xi minuta qalli inti arrestat...urieni karta, zammha f'idejh qalli din hi l-*warrant*."; "...Mela jien hadt qata` ghax qalli arrestat, hadt qata` b'dawk l-akkuzi li qalli, li m'ghamilthomx jiena, urieni l-*warrant* zammha f'idejh ma hallinix nehodha biex naqraha..."; "...dak il-hin kelli l-flus, jien ingorr dejjem *pouch* mieghi bil-flus u bic-cwievet u dawn l-affarijiet kollha, dejjem ingorr *pouch* mieghu, dak il-hin ghidtlu mela ha ncempel ha ninforma lil tad-dar, ghax dik kienet qed tistennieni, kienet qed taghmel l-ikel biex nifthiemu, qalli le ma tistax iccempel. Ghidtlu ha ninforma mqar lil tad-dar biss hux. Dar l-ispettur Arnaud kien qieghed isuq u tajjarli l-*mobile* minn idi hekk...dak il-hin jien ippanikjajt ghax ghax konna wasalna f'nofs ir-*roundabout* tal-Qroqq tal-Imsida fejn hemm l-i*skateboards*....dak il-hin mohhi beda jahseb din mhix atitudni tal-pulizija...xi *kidnap*, dak il-hin, hekk immaginajt f'rasi, tajjarli l-*mobile* minn idejja, akkuzani b'akkuzi li m'ghamilthomx jiena, kienu pajsana, jigifieri ma kien hemm l-ebda hjiel li dawn kienu pulizija..."; "Iddecidejt li nohrog mill-karozza imma qbizt punt ghax qed nghaggel. L-ewwel ma tlabtu ghidlu mela urini l-identifikazzjoni, l-ID *card* tal-pulizija....u qalli issa x'hin naslu nurihielek...iddecidejt li nohrog mill-karozza ghax dahalli hsieb li dawn ma kienux pulizija. Dak il-hin l-ispettur Arnaud ghafasli jdejja t-tnejn u zammni...."; "Il-karozza...wieqfa?"; "...ghax kien hemm it-traffic....L-ispettur Arnaud zammni minn idejja t-tnejn u s-Surgent d'Amato dar minn wara u tani daqtejn fuq rasi bil-*fist* tieghu u dahhalni fil-karozza. Minn dak il-hin l-ispettur Arnaud dar u wrieni l-ID *card* tieghu

u jiena meta wrieni l-ID *card* imbghad...kkowoperajt tul l-arrest kollu, zammewni tmienja u ghoxrin siegha dak il-hin kollu fuq akkuzi li m'ghamiltx jien....”; “Kelli c-cwievet tad-dar, ic-cwievet tal-appartament, kelli xafra zghira li kont, peress illi dejjem hdimt fil-merkanzija jien niftah il-kaxxi u l-pakketti biha, li hija bicca ghodda trid tuzaha, dawk nahseb li kelli, kelli affarijiet ohra ta imma ma niftakarx ghax jiena nzomm affarijiet.”

**Ghal dawn il-motivi:**

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiedgha tillibera lill-imputat.
Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------